Nru./No. 18,382
Prezz/Price
€3.73

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 24 ta' Frar, 2009
Tuesday, 24th February, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 1745
Government Notices *1745*

Avviżi tal-Pulizija 1746
Police Notices *1746*

Avviż lill-Baħħara ..... 1746 - 1747
Notice to Mariners ..... *1746 - 1747*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1748 - 1771
Employment Opportunities ..... *1748 - 1771*

Avviżi tal-Gvern ..... 1772 - 1774
Notices ..... *1772 - 1774*

Offerti ..... 1775 - 1808
Tenders ..... *1775 - 1808*

Avviżi tal-Qorti ..... 1809 - 1818
Court Notices ..... *1809 - 1818*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 147

AVVIŻ LEGALI PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,381 tal-20 ta' Frar 2009.

A.L. Nru. 50 tal-2009: Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158); Indiċi tal-Inflazzjoni għas-Sena 2008.

L-24 ta' Frar, 2009

Nru. 148

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Seduti tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 412 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva li l-post "Louisiana", Triq il-Kav. Lorenzo Zammit Haber, ix-Xewkija, Għawdex, fejn l-istess Qorti tista' żżomm is-seduti tagħha għall-każ Nru. 80/2007.

L-24 ta' Frar, 2009

Nru. 149

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24. 02. 09	€25.289	€0.392

L-24 ta' Frar, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 147

LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,381 of the 20th February 2009.

L.A. No. 50 of 2009: Housing (Decontrol) Ordinance (Cap. 158); Index of Inflation for the Year 2008.

24th February, 2009

No. 148

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Sittings of the Magistrates' Court (Gozo) as a Court of Criminal Judicature

IT is notified that in exercise of the powers as provided by sub-article 412 (3) of the Criminal Code (Cap. 9) the Minister for Justice and Home Affairs approved that "Louisiana", Triq il-Kav. Lorenzo Zammit Haber, Xewkija, Gozo, be designated as the place where the sittings of the same Court can be held of the case No. 80/2007.

24th February, 2009

No. 149

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24. 02. 09	€25.289	€0.392

24th February, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 9

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żejtun

Nhar l-Erbgħa, il-25 ta' Frar 2009 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Serafin Xuereb, Maria Stella Caruana, Toni Zahra, Salvu Cacciattolo, l-Isqof Zahra u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monika, Luqa Briffa, Misraħ Karlo Diacono, Mater Boni Consigli u Misraħ Girgor Bonnici.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' April 2009 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ Bandolier, Misraħ il-Bjar, l-Isqof Antonio Zahra, Antonio Micallef, San Luċjan, Sant'Anġlu, Misraħ Karlo Diacono, Luqa Briffa, Santa Marija, Madonna Tal-Ħniena, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santu Wistin u Sant' Antnin.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' April 2009 mid-9.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, San Piju X, Luqa Briffa, Santa Monika, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Karlo Diacono, Mater Boni Consigli u Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar l-Erbgħa, il-15 ta' April 2009 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Klement, Sant' Anġlu, Santa Katerina, Misraħ ir-Repubblika u San Girgor.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Frar, 2009

POLICE NOTICE

No. 9

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Żejtun

On Wednesday, 25th February 2009 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Serafin Xuereb, Maria Stella Caruana, Toni Zahra, Salvu Cacciattolo, l-Isqof Zahra and il-Kbira.

On Friday, 3rd April 2009 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santa Monika, Luqa Briffa, Misraħ Karlo Diacono, Mater Boni Consigli and Misraħ Girgor Bonnici.

On Friday, 10th April 2009 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ Bandolier, Misraħ il-Bjar, l-Isqof Antonio Zahra, Antonio Micallef, San Luċjan, Sant'Anġlu, Misraħ Karlo Diacono, Luqa Briffa, Santa Marija, Madonna Tal-Ħniena, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, Santu Wistin and Sant' Antnin.

On Sunday, 12th April 2009 from 9.00 a.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Girgor, San Piju X, Luqa Briffa, Santa Monika, Misraħ Santa Marija, San Pawl, Misraħ Karlo Diacono, Mater Boni Consigli and Misraħ Gregorio Bonnici.

On Wednesday, 15th April 2009 from 8.00 a.m. onwards through the following streets: San Klement, Sant' Anġlu, Santa Katerina, Misraħ ir-Repubblika and San Girgor.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

24th February, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 8 tal-2009

Tellieqa bil-Kenuri fil-Port ta' Marsamxett

It-tellieqa annwali bil-kenuri/kajjiki madwar Manoel Island se ssir nhar il-Ħadd, it-8 ta' Marzu 2009.

It-tlielaq se jkunu mil-lemin għax-xellug madwar Manoel Island prinċipalment ħamsin (50) metru 'l hinn mix-xatt. Il-bidu u t-tmiem se jkun fl-I*strand* - Tas-Sliema, faċċata tas-Sliema Hotel.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 8 of 2009

Canoe Race at Marsamxett Harbour

The annual canoe/kayak race around Manoel Island will be held on Sunday, 8th March 2009.

The races will be in anticlockwise laps around Manoel Island mainly within fifty (50) metres off the shoreline. The start and finish will be at the Strand – Sliema, opposite to the Sliema Hotel.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara li jkunu qegħdin ibaħħru fid-Daħla ta' Tas-Sliema u fil-viċinanzi ta' Manoel Island fil-Port ta' Marsamxett u l-I*strand* huma mwissija biex joqogħdu attenti għal dawk bil-kenuri, biex iżommu 'l bogħod u biex ibaħħru bil-mod ħafna nhar il-Ħadd, it-8 ta' Marzu 2009 bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. Jekk il-kondizzjonijiet tat-temp ma jippermettux, it-tlielaq isiru matul ix-xatt tal-i*Strand*.

Chart affettwata: BA *Chart* 177.

L-24 ta' Frar, 2009

In view of the above, mariners navigating in Sliema Creek and in the vicinity of Manoel Island in Marsamxett Harbour and the Strand, are advised to keep a sharp lookout for the canoeists, to give a wide berth and navigate at very slow speed on Sunday, 8th March 2009 between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. Should the weather conditions be unfavorable, the races will be held along the Strand coast.

Chart affected : BA Chart 177.

24th February, 2009

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 9 tal-2009

Tneħħija ta' Xkiel minn fejn għandha tgħaddi l-Cable bejn Malta u Sqallija

Se jintuża "MV Fratelli Fazio" biex ineħħi x-xkiel minn fejn għandha tgħaddi l-*cable* għall-Pre Lay Grapnel Run (PLGR), li hu maħsub li jsir mill-Beach Manhole (BMH) f'Pozzallo, Sqallija għall-Beach Manhole (BMH) f'Baħar iċ-Ċagħaq, Malta.

Jekk it-temp jippermetti, ix-xogħlijiet PLGR huma skedati li jibdew fil-5 ta' Marzu 2009, jibdew minn Pozzallo, Sqallija u jiġbdu lejn Baħar iċ-Ċagħaq, Malta u għandhom idumu sal-21 ta' Marzu 2009.

Ix-xogħlijiet għandhom jibdew minn (Punt 1) u se jsir bejn il-pożizzjonijiet li ġejjin:

Turn Point	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
1. BMH MALTA	036° 43.077'	014° 48.943'
2.	036° 42.995'	014° 48.943'
3.	036° 42.312'	014° 48.841'
4.	036° 41.480'	014° 48.465'
5.	036° 41.363'	014° 48.409'
6.	036° 37.006'	014° 45.190'
7.	036° 30.588'	014° 42.371'
8.	036° 30.000'	014° 42.120'
9.	036° 15.562'	014° 35.816'
10.	036° 00.066'	014° 30.448'
11.	035° 59.769'	014° 30.282'
12.	035° 59.302'	014° 29.861'
13.	035° 58.731'	014° 29.438'
14.	035° 58.284'	014° 28.988'
15.	035° 57.976'	014° 28.488'
16.	035° 57.620'	014° 28.090'
17.	035° 56.859'	014° 27.596'
18.	035° 56.571'	014° 27.464'
19. BMH Baħar iċ-Ċagħaq, Malta	035° 56.395'	014° 27.338'

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 9 of 2009

Cable Route Clearance between Malta and Sicily

The "MV Fratelli Fazio" will be used for the Pre Lay Grapnel Run (PLGR), cable route clearance, which is scheduled to take place from the (BMH) at Pozzallo, Sicily to Beach Manhole (BMH) at Baħar iċ-Ċagħaq, Malta.

Weather permitting, the PLGR works are scheduled to start on 5th March 2009 starting from Pozzallo, Sicily working towards Baħar iċ-Ċagħaq, Malta and are expected to last until 21st March 2009.

Work is expected to commence from (Point 1) and will be carried out between the following positions:

Turn Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
1. BMH MALTA	036° 43.077'	014° 48.943'
2.	036° 42.995'	014° 48.943'
3.	036° 42.312'	014° 48.841'
4.	036° 41.480'	014° 48.465'
5.	036° 41.363'	014° 48.409'
6.	036° 37.006'	014° 45.190'
7.	036° 30.588'	014° 42.371'
8.	036° 30.000'	014° 42.120'
9.	036° 15.562'	014° 35.816'
10.	036° 00.066'	014° 30.448'
11.	035° 59.769'	014° 30.282'
12.	035° 59.302'	014° 29.861'
13.	035° 58.731'	014° 29.438'
14.	035° 58.284'	014° 28.988'
15.	035° 57.976'	014° 28.488'
16.	035° 57.620'	014° 28.090'
17.	035° 56.859'	014° 27.596'
18.	035° 56.571'	014° 27.464'
19. BMH Baħar iċ-Ċagħaq, Malta	035° 56.395'	014° 27.338'

Ir-rotta msemmija hawn fuq tista' titbeddel xi ftit fid-direzzjoni biex jevitaw ċerti nħawi f'qiegħ il-baħar.

Il-baħħara huma ordnati biex ibaħħru b'attenzjoni meta jkunu qrib u biex iżommu tal-anqas 2 mili nawtiċi 'l hinn minn fejn ikun jaħdem l-'MV Fratelli Fazio' waqt ix-xogħol.

Charts affettwati: BA 194, 2124, 2537, 2538 u 4301.

L-24 ta' Frar, 2009

The above-mentioned course may alter slightly in direction to avoid certain areas of the sea floor.

Mariners are instructed to navigate with caution when in the vicinity and to keep as a minimum 2 nautical miles away from the 'MV Fratelli Fazio' working area, during the operation.

Charts affected: BA 194, 2124, 2537, 2538 and 4301

24th February, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Reklutaġġ ta' Diretturi fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE)

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-ħatra ta' professjonisti kompetenti u kwalifikati li jkollhom l-abbiltà li jaqdu d-dmirijiet ta' Direttur fid-Direttorat għal Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DKSE jinsabu stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku www.education.gov.mt.

3. Il-missjoni tad-DKSE hi jirregola, jistabbilixxi, jissorvelja u jiżgura *standards* u kwalità fil-programmi u s-servizzi edukattivi f'livell ta' edukazzjoni obbligatorja provdut minn skejjel Statali u dawk mhux Statali.

4. L-applikant magħżul ikun assenjat ma' dipartiment li jaqa' taħt it-tmexxija tad-Direttur Generali, DKSE. Id-dipartiment huwa:

Assigurazzjoni ta' Kwalità

5. Il-kandidat li jintgħażel jinħatar fil-grad sustantiv ta' 'Uffiċjali fi Grad 5' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, bħala tali, ikun uffiċjal pubbliċ anzjan. Il-ħatra tkun suġġetta għal żmien ta' prova ta' sentejn.

6. Jekk fil-jum meta jagħlqu l-applikazzjonijiet, il-persuna magħżula:

a) tkun uffiċjal pubbliku fil-kariga li sustantivament diġà jkun jinsab fi grad ekwivalenti għal jew ogħla minn Grad 5, huwa jibqa' jżomm l-grad sustantiv tiegħu;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement of Director in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the appointment of suitably qualified and competent educators capable of performing duties as Director in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE).

2. The full functions of the DQSE are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on www.education.gov.mt.

3. The mission of the DQSE is to generally regulate, establish, monitor and assure standards and quality in the programmes and educational services at the compulsory level of education provided by state and non-state schools.

4. The selected candidate will be assigned to a department under the leadership of the Director General, DQSE. The department is:

Quality Assurance

5. The selected candidate will be appointed substantively 'Officer in Grade 5' in the Malta Public Service and, as such, will be a senior public officer. The appointment will be subject to a two-year probationary period.

6. If on the closing date of the call for applications, the selected candidate is:

a) a serving public officer who is already substantively in a grade equivalent to or above Grade 5, s/he will retain his/her higher substantive grade;

b) tkun uffiċjal pubbliku fil-kariga li jkollu ħatra sustantiva fi grad taħt Grad 5, huwa jiġi sustantivament maħtur Uffiċjal fi Grad 5;

ċ) tkun uffiċjal pubbliku fil-kariga li jkun jokkupa pożizzjoni kontrattwali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u ma jkollux kariga sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huwa jinħatur sustantivament 'Uffiċjal fi Grad 5' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

d) ma tkunx uffiċjal pubbliku fil-kariga, huwa sustantivament jinħatar 'Uffiċjal fi Grad 5' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

7. Meta jinħatar bħala 'Uffiċjal fi Grad 5', l-uffiċjal pubbliku magħżul jiġi inkarigat mill-Prim Ministru biex jaqdi d-dmirijiet ta' Direttur fid-DKSE abbażi ta' *Performance Agreement* ta' tliet snin, li jista' jiġġedded għal perjodi ulterjuri ta' tliet snin.

8. Direttur fid-DKSE jirċievi salarju bażiku li jkun ekwivalenti għal dak li japplika fl-Iskala tas-Salarju 4 fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, bħalissa €27,764 fis-sena. Il-pakkett ta' remunerazzjoni totali jista' madankollu jiġi aġġustat biex ikun jirrifletti l-kwalifiki jew esperjenza ppruvata li jkunu aktar minn dawk meħtieġa f'dan l-avviż. L-aġġustament ikun japplika għall-kandidat magħżul irrispettivament minn jekk hu kienx uffiċjal pubbliku fid-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet.

9. Il-*Performance Agreement* ikun jinkludi *performance bonus* u dan il-jedd ikun soġġett għall-istess proċedura ta' reviżjoni ta' ħidma, kriterji u arranġamenti oħra skont ma japplikaw għal uffiċjali li jinħatru f'pożizzjoni ta' Kapijiet fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

10. L-uffiċjal pubbliku magħżul ikun marbut, sakemm jibqa' fil-kariga ta' Direttur fid-DKSE, bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tas-servizz li japplikaw lill-uffiċjali pubbliċi li jkollhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

11. Meta jintemmu żewġ perjodi ta' kariga ta' tliet snin il-wieħed ta' Direttur fid-DKSE, l-uffiċjal magħżul jinħatar sustantivament bħala 'Uffiċjal fi Grad 4' fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

12. Meta jintemm il-*Performance Agreement* li jkollu bħala Direttur fid-DKSE, l-uffiċjal magħżul iżomm l-grad sustantiv tiegħu u jingħata jaqdi dmirijiet li kemm jista' jkun, ikunu skond il-grad sustantiv tagħhom.

13. Ħidma insodisfaċenti matul iż-żmien tal-*Performance Agreement* twassal għat-terminazzjoni tal-*Performance Agreement* u, jekk l-uffiċjal ikun għadu fiż-żmien ta' prova

b) a serving public officer who holds a substantive appointment in a Grade below Grade 5, s/he will be substantively appointed Officer in Grade 5;

c) a serving public officer who occupies a contractual position in the Malta Public Service and does not hold a substantive post in the Malta Public Service, s/he will be substantively appointed 'Officer in Grade 5' in the Malta Public Service.

d) not a serving public officer, s/he will be substantively appointed 'Officer in Grade 5' in the Malta Public Service.

7. On appointment as 'Officer in Grade 5', the selected public officer shall be detailed by the Prime Minister for duty as Director in the DQSE on the basis of a three-year performance agreement, which may be renewed for further periods of 3 years.

8. A Director in the DQSE will receive a basic salary equivalent to that attached to Salary Scale 4 in the Malta Public Service, currently €27,764. The total remuneration package may however be adjusted to reflect qualifications or proven experience that go beyond those required in this call. The adjustment will be applicable to the selected candidate irrespective of whether s/he was a public officer on the closing date of the call for applications.

9. The Performance Agreement will include a performance bonus and this entitlement will be subject to the same performance review procedure, criteria and other arrangements applicable to officers who are appointed to a Headship position in the Malta Public Service.

10. The selected public officer will, during the period of his/her detailing as Director in the DQSE, be bound by the terms and conditions of service applicable to public officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service.

11. On successful completion of two terms of three years each as Director in the DQSE, the selected officer will be appointed substantively 'Officer in Grade 4' in the Malta Public Service.

12. On termination of his/her performance agreement as Director in the DQSE, the selected officer will retain his/her applicable substantive grade and will be assigned duties which will be, as far as possible, commensurate with his/her substantive grade.

13. Unsatisfactory performance during the period of the performance agreement will lead to the termination of the performance agreement and, if the officer is still in the pro-

tal-ħatra sustantiva tiegħu, twassal għat-terminazzjoni tal-ħatra sustantiva li tirriżulta minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

14. Il-kwalitajiet mixtieqa f'din il-pożizzjoni huma dawk ta' edukatur kollu ħeġġa u b'esperjenza, li jkollhu xhieda ta' ħila fid-direzzjoni u li jimmottiva lill-impjegati tiegħu jilħqu l-miri u l-i*standards* stabbiliti. Il-kandidat magħżul għandu jkun mexxej bl-abbiltà li jġib bidla u li jikkomunika b'mod effettiv f'kull livell. Il-kandidat magħżul għandu jkollu l-ħila li jannalizza, jinterpreta u jevalwa statistika u informazzjoni dettaljata, li jifhem kif u għaliex l-istudent jilħaq jew ma jilħaqx il-miri stabbiliti, u li jkun kapaċi jiżviluppa strateġiji u programmi li jkollhom bħala mira ewlenija titjib fil-kwalità tal-proċess edukattiv. Il-kandidat magħżul irid ikun kapaċi jmexxi u jaħdem f'tim, u jkollu viżjoni soda bil-ħila li jimmottiva lill-oħrajn u jwassal għall-implimentazzjoni ta' ideat fil-kuntest tal-Qafas tal-Kurrikulum Nazzjonali. Id-Direttur fid-DKSE għandu jaħdem biex itejjeb il-kwalità tal-proċess edukattiv u għandu jkun kapaċi jniedi u jimplimenta programmi u proġetti edukattivi li jtejbu l-kwalità tat-tagħlim. Direttur fid-DKSE huwa mistenni li jkollhu ħiliet li jiżviluppaw u jsostnu spettorat edukattiv b'saħħtu li jwassal għal titjib tal-edukazzjoni fil-klassi. Esperjenza fil-qasam tal-iżvilupp tal-kurrikulum u *e-learning*, fl-implimentazzjoni ta' sistemi ta' assigurazzjoni u verifika ta' kwalità, kif ukoll konoxxenza tal-leġislazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni huma kkunsidrati bħala vantaġġ. Il-kandidat magħżul ikollu bżonn juri etos korporattivi u li kapaċi jilħqu *standards* għoljin. Dan il-kandidat għandu jkun edukatur proattiv, li b'motivazzjoni kapaċi jiżviluppa u jwettaq l-kurrikulum u jassigura li dan jaqdi l-bżonnijiet tal-istudent. Permezz ta' *performance management*, il-kandidat magħżul għandu jippromwovi kultura ta' titjib kontinwu, u jaħdem mal-iskejjel kollha tal-Kulleġġ bħala parti minn tim ta' tmexxija li huwa produttiv u kooperativ.

15. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw il-provvedimenti tal-UE fuq il-moviment liberu ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministru tal-Affarijiet Barranin);

JEW

(iv) ikunu l-konjuġi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija

bationary period of his/her substantive appointment, to the termination of the substantive appointment resulting from this call for applications.

14. The qualities being sought for this position are those of an enthusiastic and experienced educator, who has a proven track record in directing and motivating staff to achieve identified targets and standards. The successful candidate shall be a professional leader and must have an ability to manage change and communicate effectively at all levels. The selected candidate must be able to analyse, interpret and evaluate complex statistical data and information, have an ability to understand how and why learners achieve or fail to achieve and develop strategies and programmes aimed at improving the quality of educational provision. The selected applicant must be able to lead and work in a team, as well as have a strong vision with the ability to motivate others and implement ideas in the context of the National Curriculum Framework. The Director, Quality Assurance in the DQSE will work towards the improvement of quality in educational provision and will be able to work collaboratively to initiate and deliver measurable improvements to the quality of teaching and learning. Experience of implementing quality systems, audit procedures and monitoring processes and/or knowledge of related legislation in the field of education would be advantageous. The selected applicant will need to demonstrate a strong corporate ethos. Through performance management the selected candidate will promote a continuous improvement culture, working across schools and Colleges as part of the productive and co-operative education leadership team.

15. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and

fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn qabel, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġislazzjoni kurrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn qabel tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tal-impjiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom:

(i) *Warrant* Permanenti ta' Għalliem;

(ii) mill-inqas kwalifika fit-tagħlim rikonoxxuta jew Grad bl-Unuri fl-Edukazzjoni. Jingħata rikonoxximent kif imiss waqt il-proċeduri tal-għażla lill-persuni li jkollhom grad ta' *Masters* jew Dottorat fil-qasam tal-edukazzjoni;

d) ikollhom:

(i) Il-kwalifiki meħtieġa, kapaċitajiet, attitudni u esperjenza biex imexxu b'mod effettiv u jimmaniġġaw is-settur assenjat lilhom fi ħdan id-DQSE. Min japplika għandu jkun jifhem b'mod eċċellenti kif il-kurrikulu, il-programmi edukattivi u s-servizzi jikkontribwixxu għal riżultati aħjar għall-istudenti kollha.

(ii) esperjenza, inkluż esperjenza fit-tagħlim u f'karigi ta' responsabbiltà fil-qasam tal-edukazzjoni;

(iii) għarfien u jifhmu sewwa l-isfidi li s-soċjetà u l-ekonomija tat-tagħlim qegħdin jippreżentaw lis-sistemi edukattivi;

(iv) ħiliet qawwija fil-komunikazzjoni u dawk interpersonali, partikolarment fl-oratorija pubblika, kitba ta' rapporti u ICT;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (l-applikanti li jkunu diġà jinsabu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47)*; filwaqt li dawk li jkunu qegħdin japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn xi Awtorità kompetenti oħra li ma tkunx aktar minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa għal applikazzjonijiet u jiddikjaraw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu dettalji).

16. Il-proċedura tal-għażla, li tkun tikkonsisti f'intervista intensiva issir minn bord tal-għażla li jiġi approvat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

17. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali

(iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of:

(i) a Permanent Teacher's Warrant;

(ii) at least a recognized teaching qualification or an Honours Degree of Bachelor in Education. Due recognition will be given during the selection process to persons in possession of a Masters or a Doctorate degree in the field of education;

d) have:

(i) the necessary qualifications, skills, attitude and experience to effectively lead and manage the sector assigned to him/her within the DQSE. A complete understanding of how the curriculum, educational programmes and services contribute to better outcomes for all students is a must.

(ii) experience, including teaching experience and experience in senior roles of responsibility in the education field;

(iii) sound knowledge and understanding of the challenges that the knowledge society and economy are presenting to educational systems;

(iv) strong communication and interpersonal skills, particularly in public speaking, report-writing and ICT.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Malta Public Service and Leave Record Form - GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether s/he have ever been in the Maltese Government Service giving details).

16. The selection process, in the form of a rigorous interview, will be conducted by a selection board to be approved by the Public Service Commission.

17. Persons registered with the National Commission for

għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjonijiet, fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

18. Is-sottomissjonijiet skond klawsola 17 għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-registrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lis-Segretarju Permanenti Principali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u tkun ikkupjata lill-KNPD.

18. Representations in terms of clause 17 should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and to state why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Principal Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, VLT 2000 and to the NCPD.

19. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

19. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

20. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

20. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

21. Hija r-responsabiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

21. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

22. Petizzjonijiet skond m'hemm fl-Artiklu 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-data tar-rizultat.

22. Petitions in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

23. Kull min għandu nteress għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, fuq il-formola apposta tal-applikazzjoni. Flimkien mal-applikazzjonijiet għandu jkun hemm *curriculum vitae* (li għandu jinkludi lista ta' kwalifiki li l-applikant ikollu) u Skeda tas-Servizz fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi. Id-data tal-għeluq sa meta jistgħu jaslu l-applikazzjonijiet hi nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, l-20 ta' Marzu 2009.

24. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti elettroniċi li ġejjin:

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt

jew jinkisbu mis-sezzjoni tal-*Customer Care Unit*, Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT2000.

25. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax, e-mail* jew xi mezz ieħor sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-13 ta' Marzu 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, Triq l-Assedju l-Kbir, VLT 2000 sa mhux iżjed tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq. (In-numru tal-*fax* ta' dan l-uffiċċju hu + 356 23886136 u l-indirizz tal-*e-mail* hu christopher.bezzina@gov.mt).

26. Tingħata rċevuta għal kull applikazzjoni fil-ħin li titwassal. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tingħata rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiiet.

L-24 ta' Frar, 2009

23. Interested applicants should submit their applications by writing to the Permanent Secretary, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport on the appropriate form. Applications should be accompanied by a curriculum vitae (which should include a list of qualifications held by the applicant) and a Schedule of Service in the case of Public Officers. The closing date for the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 20th March 2009.

24. Application forms may be either downloaded from the following websites:

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Unit, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000.

25. Applications received from abroad through a fax, e-mail or other means by noon (*Central European Time*) of Friday, 13th March 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant should be received by Permanent Secretary, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport, by not later than one week after the closing date. (The fax number of this Office is +356 23886136 and the e-mail address is christopher.bezzina@gov.mt).

26. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the undersigned and a receipt will be given at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing within seven days.

24th February, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Trainee Fisheries Protection Officer* fit-Taqsima tar-Regolazzjoni Veterinarja, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Trainee Fisheries Protection Officer* fit-Taqsima tar-Regolazzjoni Veterinarja, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Trainee Fisheries Protection Officer at the Veterinary Regulation, and Fisheries Conservation and Control Division within the Ministry for Resources and Rural Affairs

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the positions of Trainee Fisheries Protection Officer at the Veterinary Regulation, and Fisheries Conservation and Control Divison within the Ministry for Resources and Rural Affairs.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* ta' tnax (12) il-xahar bħala *Trainee Fisheries Protection Officer* fit-Taqsima tar-Regolazzjoni Veterinarja, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Trainee Protection Officer* matul il-perjodu tal-*assignment,* ikollha l-*assignment* tagħha terminat. L-Avviż Legali 51/2007 imsejjaħ *'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations, 2007'* ma japplikax għat-*trainees*. Dan skont Regolament 3 (2) (ċ) tal-imsemmi Avviż Legali.

2.1. The selected candidate will enter into a twelve (12) month assignment as Trainee Fisheries Protection Officer in the Ministry for Resources and Rural Affairs. Unsatisfactory performance as Trainee Fisheries Protection Officer during the assignment period will lead to termination of the assignment. Legal Notice 51/2002 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations, 2007', does not apply to trainees by virtue of Regulation 3(2)(c) of the said Legal Notice.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li jiġi terminat l-*assignment*.

2.2. If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Resources and Rural Affairs, as well as with the Maltese Government, will be discontinued in case of termination of the assignment.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 11, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Trainee Fisheries Protection Officer* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 11 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* li jkun fis-seħħ.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 11, he/she will be required to relinquish the duties of Trainee Fisheries Protection Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 11 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 11, bħalissa €16,280. Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv (fejn applikabbli) tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli, f'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.1 The salary attached to the position of Trainee Fisheries Protection Officer is equivalent to the maximum of Salary Scale 11 (currently €16,280). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade (where applicable) and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

3.2 Minħabba n-natura speċjali tad-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni, il-kandidati magħżula jkunu wkoll intitolati għal *Disturbance Allowance* ta' €1,600 fis sena, imħallsa fi tlettax-il pagament indaqs għal dan il-perjodu tal-*assignment*.

3.2 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a yearly disturbance allowance of €1,600, paid in thirteen equal instalments for the period of this assignment.

3.3 Fir-rigward tal-paragrafu hawn fuq, meta l-persuna maħtura taħdem sigħat żejda aktar minn dawk imsemmija fil-*Public Service Regulations*, hija ma tkunx intitolata għal xi ħlas żejjed jew benefiċċju għal dak ix-xogħol li tkun ħadmet żejjed ħlief kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

3.3 In view of the above, when the selected candidate undertakes to work extra hours beyond those stipulated by the Public Service Regulations, he/she will not be entitled to any additional remuneration or benefit in respect of such extra hours which he/she may be required to work except as indicated in the previous paragraph.

4.1 Id-doveri ewlenin ta' persuna f'din il-pożizzjoni huma li:

4.1 The main duties in this position are the following:

(a) tinforza l-Att ta' 2001 dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd u l-leġislazzjonijiet u r-regolamenti kollha relatati ma' dan l-Att;

(b) tagħmel monitoraġġ fuq bastimenti tas-sajd, anki bl-użu ta' sistemi elettroniċi, biex tinforza r-regolamenti relatati maż-żona tal-immaniġġjar tal-25 mil;

(ċ) tagħmel l-ispezzjonijiet meħtieġa fi swieq tal-ħut, f'portijiet u fuq il-baħar. L-ispezzjonijiet jistgħu jiffokaw fuq iż-żoni tas-sajd, fuq il-qbid tal-ħut, fuq il-bastimenti tas-sajd infushom, jew fuq l-irkaptu;

(d) fil-każ ta' *Offshore Patrols,* tosserva u tirraporta fuq l-operazzjoni tas-sajd, bil-għajnuna fejn meħtieġa, tal-Forzi Armati ta' Malta, u li tieħu azzjoni legali fejn ikun hemm il-ħtieġa;

(e) tiġbor statistika u *data* oħra kif ikun meħtieġ;

(f) tipprepara rapporti bil-miktub u *statements* kif ikun meħtieġ;

(g) tieħu sehem, kif meħtieġ, fi provi ta' riċerka mmexxija mit-Taqsima tar-Regolazzjoni Veterinarja, Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd;

(h) tattendi korsijiet ta' taħriġ, konferenzi, *seminars*, *workshops* eċċ, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, biex żżomm ruħha aġġornata u infurmata sewwa fuq il-leġislazzjonijiet kollha u fuq il-ftehim internazzjonali kollu li jaffettwaw l-industrija tas-sajd Maltija, kif ukoll fuq żviluppi teknoloġiċi, u żżid l-*awareness* tagħha fuq ħiliet ġodda fil-*management* partikolarment fil-finanzi, fl-immaniġġjar tar-riżorsi umani, fil-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tal-informatika;

(i) tikkonsulta regolarment mas-sajjieda u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-industrija tas-sajd Maltija:-

(a) biex tifhem aħjar dak li jikkonċernahom u l-problemi li jiffaċċjaw;

(b) biex tagħti pariri fuq l-aħjar sistemi u prattika tax-xogħol u fuq il-ħtiġiet leġislattivi u regolatorji li jiggvernaw l-industrija; u

(ċ) biex tistabbilixxi relazzjonijiet tax-xogħol tajbin u vantaġġjużi għal kull min hu konċernat;

(j) Tistabbilixxi relazzjoni tajba tax-xogħol mal-Forzi Armati ta' Malta, u mal-Korp tal-Pulizija;

(k) Twettaq dmirijiet oħra relatati skont il-ħtieġa.

4.2 Id-dmirijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien mill-*managers,* u d-dmirijiet ġodda

(a) Enforce the Fisheries Conservation and Management Act, 2001 (Act No. II of 2001) and all related or subsequent legislation and regulations;

(b) Monitoring fishing vessels, in part by using electronic systems, to enforce regulations relating to the 25-mile management zone;

(c) Conduct inspections, as appropriate, at fish markets, harbours and at sea. The inspections may focus on fishing grounds, catches, the fishing vessels themselves, or fishing equipment;

(d) In case of 'Offshore Patrols', observe and report on fishing operations at first hand, with the assistance, where necessary, of the Armed Forces of Malta, and take any legal action that may be necessary;

(e) Collect statistics and other data as appropriate;

(f) Prepare written reports and statements as appropriate;

(g) Participate, as required, in trials and research conducted by the Veterinary Regulation and Fisheries Conservation and Control Division;

(h) Attend training courses, conferences, seminars, workshops etc, both locally and abroad, in order to keep well informed and up-to-date on all legislation and all international agreements affecting the Maltese Fisheries Industry, on technical developments and to acquire and increase awareness of new management skills, particularly in the areas of finance, human resources management, communications and information technology;

(i) Consult regularly with fishermen and others engaged in the Maltese Fisheries Industry:-

(a) to gain a better understanding of their concerns and the problems they face;

(b) to provide advice and guidance on best practice and on the legislative and regulatory requirements governing the Industry; and

(c) to establish good and mutually advantageous working relationships;

(j) Establish a good working relationship with the Armed Forces of Malta and with the Police Force;

(k) Other related duties as necessary.

4.2 The above duties may be amended from time to time by the managers, and these new duties shall be additional to the

jiżdiedu mal-obbligi u r-responsabbiltajiet imdaħħla fl-*assignment* iffirmat mill-persuna magħżula meta din tingħata l-ħatra.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles ta' persuni; f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE; jew

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(v) ikollhom ċertifikat tal-MATSEC Matrikola/SEC (Gradi 1 sa 5), jew komparabbli, u/jew kwalifiki tal-G.C.E. (Minimu Grad 'C'), jew komparabbli, li juru li għandhom tal-inqas sitt *passes* f'livell Ordinarju jew ogħla, li tnejn minnhom preferibbilment ikunu suġġetti tax-xjenza;

(vi) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(vii) ikunu kapaċi jgħumu u jaħdmu fuq il-baħar;

(viii) ikollhom ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni, kemm miktuba u kemm mitkellma;

(ix) ikunu ta' karattru morali tajjeb; applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji.

5.2 Tingħata preferenza lil dawk il-kandidati li juru:

(a) livell għoli ta' integrità personali;

obligations and responsibilities incorporated in the assignment signed with the incumbent on appointment to the position.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

(i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of other European Union Member States; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply. In case of difficulty, the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply; or

(iv) be the spouse of, and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(v) be in possession of MATSEC Matriculation/SEC (Grades 1-5), or comparable, and/or GCE Certificates (minimum 'C' Grade), or comparable, showing a minimum of six passes at Ordinary Level, or higher, two of which should preferably be science subjects;

(vi) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(vii) be able to swim and capable of working at sea;

(viii) have good communication skills, both written and spoken;

(ix) be of good moral character; applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Preference will be given to candidates who will demonstrate:

(a) a high standard of personal integrity;

(b) il-ħila li jieħdu deċiżjonijiet tajbin, f'waqthom u fl-inqas ħin possibbli;

(ċ) livell għoli ta' ħiliet kemm fil-komunikazzjoni interpersonali u orali, flimkien ma' kunfidenza u determinazzjoni fl-inforzar tal-liġi, waqt li jkunu lesti li jikkonfrontaw u jaġixxu b'mod sod u ġust fejn l-imġiba tmur kontra l-liġi; u

(d) il-ħila li jiktbu rapporti, *statements* u *data sets* konċiżi u ċari.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi l-kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmużin mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2 Iċ-ċertifikati u dokumenti oriġinali oħra għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/Istituzzjonijiet edukattivi terzjarji, jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-

(b) good judgement and the ability to make sound decisions quickly;

(c) a high level of inter-personal and oral communication skills, together with the determination and confidence to enforce the law and to confront and deal with unlawful behaviour firmly and fairly; and

(d) the ability to produce clear and concise reports, statements and data sets.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Unit and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons

dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Floriana.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali kollha.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skont Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur *(People Management)*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Floriana sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Marzu 2009.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Direttur *(People Management)*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax,* jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Marzu 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati, basta dawn ikollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur *(People Management)*, Ministeru għar-Riżorsi

beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission, and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Resources and Rural Affairs, Block A, Floriana.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 13th March 2009.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf,
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana.

12. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 13th March 2009, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs,

u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana, mhux aktar tard minn gimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, u għandha tingħata spjegazzjoni għal dan id-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa +356 22997878.

13. (a) Tingħata riċevuta minnufih mid-Direttur *(People Management)* tal- Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur *(People Management),* Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-24 ta' Frar, 2009

Block 'A', Floriana, by not later than one week after the closing date, together with an explanation for the delay. The fax number of the Directorate is +356 22997878.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (People Management), Ministry for Resources and Rural Affairs, within seven (7) days from the receipt of applications.

24th February, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Physician* b'Interess fin-*Nephrology* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Physician* b'interess fin-*Nephrology* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-ħatra tkun skont il-provvedimenti tal-*collective agreement* bejn il-Gvern u l-Union.

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

4.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Physician* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Mediċina u tkun taqa' taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Mediċina.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Physician with an Interest in Nephrology in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Physician with an interest in Nephrology in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The Consultant Physician will form part of the Department of Medicine and the appointee will be directly accountable to the Chairperson of the Department of Medicine.

4.2. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel xogħol fil-*General Medicine* u tkun risponsabbli għad-dħul fil-*General Medicine* kif imqabbda mill-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Mediċina.

4.2. The appointee shall carry out duties in General Medicine and shall be responsible for general medicine admissions as assigned by the Clinical Chairperson of the Department of Medicine.

4.3. Il-persuna nominata trid tikkontribwixxi għall-espansjoni u żvilupp tas-servizzi tan-nefroloġija fl-*out-patient* u fl-*in-patient* fl-isptarijiet tal-Gvern.

4.3. The appointee shall contribute to the further expansion and development of both out-patient and in-patient nephrology services in government hospitals.

4.4. Il-persuna nominata tkun risponsabbli għad-*Dialysis Unit*.

4.4. The appointee shall be responsible for the Dialysis Unit.

4.5. Il-persuna nominata tkun risponsabbli għat-tmexxija tas-servizzi tar-*renal transplant*.

4.5. The appointee shall be responsible for the running of the renal transplant services.

4.6. Il-persuna nominate tkun risponsabbli għat-tkabbir tal-*Continuous Ambulatory Peritoneal Dialysis (CAPD)*.

4.6. The appointee shall be responsible for the expansion of the Continuous Ambulatory Peritoneal Dialysis (CAPD).

4.7. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-ċentri tas-saħħa skont programmi approvati dwar kura fil-komunità, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tipprovdi servizz fi kwalunkwe estensjoni li tista' ssir fil-futur dwar is-servizzi tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali Komprensiva tas-Saħħa.

4.7. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the health centres in accordance with approved community care programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.8. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol), tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, kemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

4.8. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

4.9. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta illi d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inkluż l-aspetti tal-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu tal-ogħla livell possibbli.

4.9. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care, are of the highest possible level.

4.10. Il-persuna nominata trid taċċerta l-ogħla livell possibbli ta' kura tal-pazjenti b'attenzjoni speċjali li din il-kura tkun kif xieraq, fil-ħin u kontinwa (inkluż kontinwità permezz ta' *medical records* miżmuma tajba u li tkun tista' ssegwihom bla diffikultà kif ukoll ta' *discharge summaries* magħmula fil-ħin).

4.10. The appointee shall ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness, timeliness and continuity (including continuity through well-maintained and easy-to-follow medical records and timely discharge summaries).

4.11. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu (*ongoing)* ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

4.11. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an (ongoing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

4.12. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

4.12. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

4.13. Il-persuna nominata, flimkien ma' konsulenti oħra fl-ispeċjalità, iridu jagħmlu rapport kull sena lill-*Clinical*

4.13. The appointee together with other consultants in the specialty shall present an annual report on the working

Chairperson tad-Dipartiment tal-Mediċina dwar il-ħidma tat-taqsima.

4.14. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

4.15. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f' Malta;

d) (i) Ikollhom Ċertifikat maħruġ mill-Is*pecialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fil-*General Medicine* u fin-*Nephrology* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fil-*General Medicine* u fin-*Nephrology Specialist Registers;*

of the unit to the Clinical Chairperson of the Department of Medicine.

4.14. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

4.15. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must :

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) (i) be in possession of a certificate of completion of training in General Medicine and Nephrology by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the General Medicine and Nephrology Specialist Registers;

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fil-*General Medicine* u fin-*Nephrology Specialist Registers;*

e) ikollhom sentejn esperjenza *full-time* bħala speċjalisti fin-*Nephrology*;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fin-*Nephrology* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (c) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

OR

(iii) be approved for inclusion in the General Medicine and Nephrology Specialist Registers;

e) have two years full time experience as a specialist in Nephrology;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience as specialists in Nephrology as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji, jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2009.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2009 jistgħu

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 27th March 2009.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 27th March 2009 may be considered provided that all

jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-24 ta' Frar, 2009

requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

24th February, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Clinical Chairperson* tal-*Accident and Emergency Department* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Clinical Chairperson* tal-*Accident and Emergency Department* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-post ta' *Clinical Chairperson* tal-*Accident and Emergency Department* għandu salarju ta' €30,629 fis-sena (Skala ta' Salarju Nru. 3).

3.1. In-nomina ta' *Clinical Chairperson* tal-*Accident and Emergency Department*, li hi soġġetta għal konferma wara li tgħaddi sena, hija fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u hija soġġetta għar-regoli u regolamenti li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Din il-ħatra hija fuq bażi *full-time* jiġifieri l-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u wara tkun tista tissejjah fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu imma, skont l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar isiru skont l-arranġamenti approvati mill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Clinical Chairperson of the Accident and Emergency Department in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Clinical Chairperson of the Accident and Emergency Department in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The post of Clinical Chairperson of the Accident and Emergency Department carries a salary of €30,629 per annum (Salary Scale No. 3).

3.1. The appointment of a Clinical Chairperson of the Accident and Emergency Department, which is subject to a probationary period of one year, shall be on the basis of a five-year contract and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in General and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. This appointment is on a full-time basis, i.e. the appointee will be conditioned to a forty-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Ministry for Social Policy (Health).

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt min imexxi l-isptar u fl-aħħarnett taħt id-Direttur Ġenerali (Servizzi tal-Kura tas-Saħħa).

6. Id-dmirijiet tal-*Clinical Chairperson* tal-*Accident and Emergency Department* jinkludu:

i) risponsabbiltà għall-maniġġjar u tmexxija tal-*Accident and Emergency* provduti mill-Gvern, inkluż is-servizzi tal-ambulanzi. F'dan ir-rigward tkun trid timmaniġġja u tieħu l-inkarigu klinikament tal-*Accident and Emergency Department* tal-Isptar Mater Dei, inkluż id-dħul ta' pazjenti, swali ta' emerġenza u l-proċeduri tagħhom.

ii) responsabbiltà għad-dixxiplina u l-prattika fis-sala u trid tagħti kont dwar l-inforzar tad-dixxiplina tal-impjegati taħt il-kariga tagħha.

iii) arranġament tar-*rosters* tax-xogħol tat-tobba li jaħdmu *fl-Accident and Emergency Department*.

(iv) konsultazzjoni mal-konsulenti tal-isptar Mater Dei, tal-Isptar Ġenerali f'Għawdex u ta' kull sptar ieħor tal-Gvern.

v) assigurazzjoni li n-nies li jattendu l-*Accident and Emergency Department* jirċievu dijanjosi, kura u servizzi ta' *resuscitation* xierqa u kif jinħtieġ.

vi) arranġamenti għad-dħul ta' malajr ta' pazjenti fl-isptar skont kif ikun indikat, u tħalli sodod lesti għall-użu fis-swali tad-dħul tal-emerġenza.

vii) żvilupp ta' relazzjoni tajba ta' xogħol mat-tobba u arranġament biex dawk il-pazjenti li jinħtieġu *follow-up care* jiġu riferuti għas-sala jew klinika speċjalizzata jew lit-tobba kuranti tagħhom.

viii) parir lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) dwar żviluppi fis-servizzi tal-*Accident and Emergency Department,* tħejjija ta' *policies* kliniċi u tax-xogħol dwar id-dipartiment kliniku tagħha u aġġornament

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

